MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 190/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Charles Paul Muscat ta’ 31 -il sena iben Saviour u Frances nee’ Galea imwieled Rabat Ghawdex, nhar l-10 ta’ Frar 1983 u residenti Ankra Court, Flat 6, Triq ir-Ranciz, Xlendi limiti tal-Munxar Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 4583G.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli nhar l-20 ta' April 2014 gewwa diversi postijiet f'Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex hekk ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16.00hrs);

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mil-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D fid-digriet datat 24 ta' Mejju 2013 u dan billi kellem jew avvicina b'mod dirett jew b'mod indirett lix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded lill-persuna ta' Emanuel Mercieca ID No. 593178M;

3. U aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mil-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D datata 4 ta' Marzu 2014.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u dan skont l-artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika wkoll l-Artiklu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li tikkonfiska u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta s-somma msemmija fl-obligazzjoni fid-digriet li bih gie moghti l-helsien mil-arrest.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, lill-imputat kif ukoll lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-footage tac-CCTV ezebit.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta li b'digriet moghti fil-24 ta' Mejju 2013 (Dok FT1) l-imputat inghata l-helsien mill-arrest. Meta kien qieghed jixhed l-Ispettur Frank Anthony Tabone pprezenta kopja vera ta' l-istess digriet.

Illi wahda mill-kundizzjonijiet li ghamlet il-Qorti hija li ma jistax javvicina x-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-imputazzjoni hija li l-imputat fl-20 ta' April 2014 avvicina lil Emanuel Mercieca li huwa xhud tal-prosekuzzjoni li sallum ghadu ma xehedx f'dawk il-proceduri u li apparti li kellmu heddu wkoll.

Illi x-xhieda ta' Emanuel Mercieca hija fis-sens u kienet ukoll konsistenti f'dan ir-rigward anki in kontro-ezami li huwa mhux biss gie avvicinat mill-imputat izda sahansitra li gie mhedded minnu tant li verbatim qallu *"mohhok hemm ghax ha tixhet lili l-habs," qalli, "jiena ghandi t-tfal," ghidtlu, "ghandek ragun imma jiena x'nahti?" qalli, "U Sonia ha tixhitha l-habs ukoll, ghandha t-tfal u t-tfal taghha ghandha t-tfal, dik nanna," qalli, qalli, "mohhok hemm," qalli, "ghax nixthek fit-trab. Ghax ha titfa' kocc nies gew u tinxehet taht it-trab."*

Min-naha tieghu l-imputat jixhed li kien Emanuel Mercieca li avvicinah. Madankollu anki mic-CCTV footage jirrizulta b'mod car li kien l-imputat li avvicina lill-istess Mercieca u mhux bil-kontra. Jidher li mill-istess footage li hekk kif Mercieca ra l-karozza ta' l-imputat ghamel sinjal b'idejh bhallikieku biex jibqa' sejjer u l-imputat meta nizel mill-karozza mar fid-direzzjoni ta' l-Electra fejn kien qieghed jixrob Mercieca u mar javvicina lill-istess Mercieca. Ghalhekk ix-xhieda ta' Mercieca hija konsistenti ma' dak li jidher mill-footage.

Il-kondizzjonijiet li jigu mposti fl-ghoti ta' helsien mill-arrest ghandhom jigu osservati mill-imputat b'mod rigoruz. Kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Mario Farrugia** deciz fl-14 ta' Lulju 2009:-

*"Illi l-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu osservati ad litteram u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici.".*

Il-kondizzjoni fid-digriet tal-24 ta' Mejju 2013 li l-imputat ma jkellimx direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hi cara u ma thalli ebda lok ghal xi dubju.

Illi l-agir tal-imputat huwa wiehed serju ghaliex evidentement ipprova jinfluenza process gudizzjarju u dan apparti l-fatt li hedded ukoll lill-istess Mercieca.

Illi ghaldaqstant l-ewwel zewg imputazzjonijiet jinsabu ppruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni tinsab ukoll ippruvata bil-prezentata tad-dokument immarkat FT2.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

Madankollu tqis li m'ghandhix timponi piena karcerarja u hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation.

Il-prosekuzzjoni nsistiet li ghandha tigi ordnata l-konfiska tas-somma msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet li bih l-imputat gie moghti l-helsien mill-arrest favur il-Gvern. Madankollu ghalkemm ir-reati huma serji din il-qorti xorta wahda ma tqisx li jezistu l-estremi biex ikun hemm tali ordni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 339(1)(e), 579 (1), 579(2) u 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-art 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tliet snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Inoltre l-Qorti qeghdha wkoll timponi protection order taht l-art. 412C tal-Kap 9 li qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza sabiex tifforma parti ntegrali minnha.

Spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------